MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Numru 243/2002

**ILLUM 30 TA' APRIL 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Pio Pisani)
vs
Joseph Victor Buttigieg

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 474072(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe' fil-Mosta nhar l-24 ta' Gunju 2001 ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija:

1. ikkommetta serq ta' ghodod (power tools) u cioe' 'chaser' li jiswa Lm140, 'cross cut' tal-marka 'Makita' li jiswa Lm250, ammont ta' Trapani li jiswew Lm30, 'electric mechanical hoist' li jiswa Lm650, 'driller' tal-marka 'Narex' li jiswa Lm45 - liema serq huwa ghad-dannu ta' Michael Balzan (karta ta' identita' numru 977049M) u huwa aggravat bil-mezz, ksur, skalata, valur u hin;

2. Fl-istess post, data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' fit-'tow locks' tas-serratura tal-garaxx ta' Michael Balzan, liema hsara tammonta ghal Lm15 u fis-serratura tal-garaxx 'Cassia Woodworks', Mosta, ghad-dannu ta' Alfred Cassia, liema hsara tammonta ghal Lm5;
3. Fl-istess post, data, hin u cirkostanzi dahal fil-garaxx ta' Michael Balzan sitwat fi triq Sir Arthur Bolton, Mosta, u f'garaxx maghruf bhala 'Cassia Woodworks' sitwat fi Triq in-Naggar, Mosta, proprjeta' ta' Alfred Cassia jew f'recint b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-Artikoli 264, 265 u 266 ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor;
4. Fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
5. Li huwa persuna recidiva waqt li gie ikkundannat ghall-reati ohra b'sentenzi li saru definittivi;

Il-Qorti mitluba, meta taghti s-sentenza, jew f'kull ordni iehor wara, li tikkundanna lil Joseph Victor Buttigieg ghal hlas lir-registratur ta' l-ispejjez kollha jew parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri f'dak iz-zmien jew f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni;
Il-Qorti mitluba wkoll, meta jidrilha xierqa, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' PC 935 Patrick Cassar u ta' WPC9 Yvonne Farrugia jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati, torbot lil Joseph Victor Buttigieg b'obligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti;

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu u ai termini tal-artikoli tal-ligi minnu citati baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti rigward htija jew nuqqas taghha;
Semghet l-imputat jghati l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat b'serq aggravat bil-mezz, valur u hin. Hu wkoll mixli bi hsara volontarja, dhul mhux awtorizzat f'lok, b'ricettazzjoni u recidiva. Intant, ghalkemm jissemmew zewg fondi, s-serq jikkoncerna biss lil wiehed minnhom. Mill-garaxx b'referenza t-tielet imputazzjoni jirrizulta li ma sar ebda serq fis-sens li ma naqas xejn minnu izda saret hsara lic-cilindru tas-serratura tieghu f'ammont ta' hmistax il-Lira Maltin. Intant, fil-kors tal-proceduri xehdu mhux biss id-derubati, jew prezunti tali, izda wkoll l-pulizija li nsertaw ghaddejjin fil-vicinanzi u kienu osservaw zewg persuni, wiehed minnhom l-imputat, jidhlu f'garaxx minnhom. Mill-provi in atti li jirrizulta hu li z-zewg garaxxijiet huma dawk bl-isem 'Elkron' ta' Triq il-Kappar, Mosta, ta' certu Michael Balzan, b'referenza l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u l-iehor ta' certu Alfred Cassia, jismu 'Cassia Woodworks', li qieghed kantuniera bejn triq Sir Arthur Berton u triq in-Naggar riferit fit-tielet imputazzjoni. Hu l-ewwel minn dawn il-fondi li sofra serq konsistenti f'ghadd ta' ghodda li l-valur komplessiv taghhom jissupera l-elf Lira Maltin apparti il-hsara fis-serratura tal-bieb tieghu ammontanti ghall-ghoxrin Lira Maltin. Fir-rigward il-garaxx l-iehor gia' ntqal li ma sofra ebda serq izda sarlu xi hsara fis-serratura tal-bieb tieghu.

In kwantu ghax-xhieda l-Pulizija li b'kumbinazzjoni kienu jinsabu fl-akwati f'dak il-hin ta' filghaxija gihom suspett fl-imputat u osservawh flimkien ma' persuna ohra ta' karnaggjon samrani. Mix-xhieda taghhom jirrizulta li rawh jissara mas-serratura tal-garaxx riferut fit-tielet akkuza. Intant minn dan il-garaxx ma naqas xejn. Dwar il-garaxx l-iehor imkien ma' semma' fix-xhieda tal-pulizija presumibilment ghaliex fil-presenza taghhom in rigward ma' kien gara xejn. Fil-konfront ta' dan il-garaxx kienet infethet inkjesta u gie kkonstatat is-serq li sar minnu u l-hsara konsegwenzjali. Minn imkien pero' ma hemm xi prova tangibbli li timplika l-imputat. Hemm suspetti li ma jistghux ikunu bazi ta' konvicju.

Lanqas ma hemm prova dwar ir-recidiva.

Ghalhekk, tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tieni u l-hames akkuza. Kwantu r-raba’ akkuza, li f’kull kaz m’hemmx prova taghha, hi allura in alternattiva ghal dik tas-serq. Issibu pero’ hati tat-tielet akkuza. Rat ghalhekk l-Artikolu 325(c) u 330 tal-Kap 9.

Fic-cirkostanzi tikkundannah elf u mitejn ewro multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------